MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 54/2020/1 LM

**Idea Casa Company Limited (C 24516) liema atti ġew assunti mis-soċjetà Vivendo Malta Limited (C 46406) permezz ta' digriet datat 18 ta' Jannar 2021**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Christian Borg (K.I. numru 315493M)**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Christian Borg (K.I. numru 315493M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni preliminari mogħtija fit-8 ta' Marzu, 2021, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'],

mit-Tribunal Għal Talbiet Zgħar [minn issa ’l quddiem ‘it-Tribunal’], li permezz tagħha ddeċieda billi ċaħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet preliminari tiegħu fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti **Vivendo Malta Limited (C 46406)** [minn issa ’l quddiem ‘is-soċjetà appellata’], li permezz ta’ digriet tat-18 ta’ Jannar, 2021 assumiet l-atti minflok is-soċjetà Idea Casa Company Limited (C 24516), bl-ispejjeż.

## Fatti

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni huma pjuttost sempliċi u jirrigwardaw il-bejgħ u l-kunsinna ta’ diversi bibien li għamlet is-soċjetà appellata lill-appellant għall-prezz ta’ €1,197.17, liema prezz l-appellant irrifjuta li jħallas.

## Mertu

3. Is-soċjetà appellata intavolat proċeduri quddiem it-Tribunal permezz tal-preżentata ta’ Avviż tat-Talba fis-17 ta’ Frar, 2020, għall-ħlas tas-somma ta’ elf, mija u sebgħa u disgħin Euro u sbatax-il ċenteżmu (€1,197.17ċ), rappreżentanti l-ħlas dovut għal numru ta’ bibien mibjugħa u kkonsenjati lill-appellant, u dan bl-ispejjeż ta’ dawk il-proċeduri, flimkien ma’ dawk tal-ittra interpellatorja tat-18 ta’ April, 2019, tal-ittra uffiċjali nru 3277/19, u l-imgħax legali mid-29 ta’ Mejju, 2017, id-data tal-fattura relattiva, sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-appellant li ġie inġunt għas-subizzjoni.

4. L-intimat fir-risposta tiegħu eċepixxa: (i) illi t-talba tas-soċjetà rikorrenti hija preskritta bl-għeluq ta' tmintax (18)-il xahar *ai termini* tal-artikolu 2148 (a) u/jew *ai termini* tal-artikolu 2148 (b) tal-Kap. 16; (ii) mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talba tas-soċjetà attriċi hija preskritta bl-għeluq ta' sentejn *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16; (iii) fil-mertu, it-talba tas-soċjetà rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u l-ebda ħlas mhuwa dovut mill-intimat lis-soċjetà rikorrenti inkwantu l-bibien mibjugħa u konsenjati lill-intimat kienu difettużi u l-installar tal-istess bibien ma sarx skont is-sengħa u l-arti.

## Is-Deċiżjoni Appellata

5. It-Tribunal permezz tad-deċiżjoni appellata kkunsidra s-segwenti:

> *"Ikkunsidra*
>
> *Illi fl-ewwel lok jeħtieġ li jiġi determinat jekk xi wieħed mill-artikoli ċitati mill-konvenut u l-konsegwenti termini preskrittivi humiex applikabbli għall-każ in eżami.*
>
> *Illi skont l-affidavit tal-istess konvenut huwa kien għamel tlett ordnijiet ta' bibien permezz ta' tlett ordnijiet rispettivi li kopji tagħhom ġew ukoll annessi mal-istess affidavit. Minn tali ordnijiet jirriżulta li dawn kollha kellhom jiġu suppliti lill-konvenut fuq l-istess indirizz hemmhekk indikat. Fil-fatt permezz tal-istess affidavit tiegħu il-konvenut jistqarr li tali bibien kienu intiżi* "għar-residenza tiegħi ġewwa l-Mellieħa"*. Huwa ċar allura kemm min-natura tat-talba kif imressqa mis-soċjetà attriċi u hawn fuq ġja riportata kif ukoll mix-xhieda tal-istess konvenut, mhux kontraddetta, illi l-azzjoni odjerna tirrigwarda talba għall-ħlas ta' bilanċ ta' prezz għall-bejgħ bl-imnut ossija magħmul lill-konvenut bħala konsumatur għall-użu personali tiegħu. Kif jinsab ukoll regolarment deċiż mill-Qrati Tagħna:*
>
> > *"*(I)l-bejgħ bl-imut jingħaraf minn bejgħ bl-ingrossa billi f'dan tal-aħħar il-bejgħ isir lil xerrej li jkun sejjer jagħmel negozju bi jew minn fuq il-ħaġa mixtrija." (***ALF. MIZZI***

> ***& SONS (MARKETING) LIMITED vs DISMAR COMPANY LIMITED** deċiża mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 t'Ottubru, 2004).*

*Fil-każ in eżami ma rriżulta xejn li jista' jindika li l-konvenut xtaq jagħmel xi negozju bi jew minn fuq il-ħaġa mixtrija jew li kien hemm xi element ieħor tan-negozju li jista' jagħti x'jifhem li l-bejgħ kien wieħed bl-ingrossa. Anzi, kif ingħad, huwa l-konvenut stess li, tramite x-xhieda tiegħu, jikkonferma konklussivament li tali fornituri ta' bibien huwa riedhom u għamilhom għar-residenza tiegħu persunali.*

*Ill-konvenut eċċepixxa preliminarjament il-preksrizzjoni tal-azzjoni odjerna bid-dekors ta' tmintax-il xahar a tenur tal-art. 2148(a) u/jew (b) tal-**Kodiċi Ċivili** u, mingħajr preġudizzju għall-premess, bl-għeluq ta' sentejn a tenur tal-art. 2153 tal-istess **Kodiċi Ċivili.** Dwar l-art. 2148(a) u 2148(b) tal-**Kodiċi Ċivili** jinsab deċiż is-segwenti:*

> "(L-)Artikolu 2149(a) tiddistingwi ruħha mbagħad mill-Artikolu 2148(b) fis-sens li dik il-preskrizzjoni mhix applikabbli għall-każ ta' sempliċi fornitura ta' materjal minn min ma jkunx ukoll l-appaltatur tal-opra li għaliha l-materjali jkunu servew.
>
> Il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar li tolqot l-azzjonijiiet tal-ħajjata, skrapan, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentiera, arluġġara, u persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz tal-opri tagħhom jew tax-xogħlijiet tagħhom, jew tal-materjali jfornu, tirriferixxi għal-lokazzjoni ta' opera li biha dawk il-persuni jkunu obbligaw ruħhom li jaghtu x-xogħol tagħhom, u mhux għal-locatio operis li biha l-impreditur jobbliga ruħhu li jagħti, mhux ix-xogħol, iżda l-prodott tax-xogħol – meta l-lokazzjoni d'opera tkun konnessa ma' organizzazzjoni ta' mezzi tekniċi li timprimi lil-lokazzjoni l-karattru ta' att oġġettivament kummerċjali." ***(LANGDALE LIMITED VS JON DAVID LIMITED** deċiża mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-3 ta' Novembru, 2004)*

*Illi huwa daqstant ieħor ċar, fil-każ in eżami, li l-ammont reklamat jirreferi mhux għal xi lokazzjoni ta' opera tas-soċjetà konvenuta imma għall-fornitur tal-prodott supplit minnhom ossija l-bibien ordnati mill-konvenut. Konsegwentement huwa ċar li l-art. 2148(a) mhuwiex applikabbli għall-każ in eżami imma huwa applikabbli l-art. 2148(b) tal-**Kodiċi Ċivili.***

*Illi daqstant ieħor jista' jingħad ukoll li lanqas m'huwa applikabbli għall-każ in eżami l-art. 2153 tal-**Kodiċi Ċivili** li jipprovdi għat-terminu preskrittiv ta' sentejn fir-rigward ta' "*ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat"*. Huwa ċar ukoll li s-soċjetà attriċi mhux qed taġixxi għall-ħlas ta' xi ħsarat imma proprju għall-bilanċ tal-prezz allegatament spettanti lilha għall-fornitura tagħha.*

*Illi għaldaqstant huwa ċar li l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenut għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontrih u dana sakemm jirreferu għall-art. 2148(a) u għall-art. 2153 tal-**Kodiċi Ċivili.***

*Illi jifdal allura sabiex jiġi determinat jekk l-azzjoni odjerna hijiex preskritta bid-dekors ta' tmintax-il xahar a tenur tal-art. 2148(b) tal-**Kodiċi Ċivili**.*

*Illi mill-*istatement *tal-istess soċjetà attriċi jirriżulta li l-ammonti reklamati jirreferu għall-fornitura datata 10 t'Ottubru 2016 (fejn jidher li qed jiġi allegat bilanċ ta' disa' ċenteżmi) u fornitura oħra datata 29 ta' Mejju, 2017 (fejn qed jiġi allegat bilanċ ta' elf sebgħa mija u għaxar euros u tmien ċenteżmi (€1710.08)(Dok. 'A' a fol 4 tal-proċess) neqsin ħlas ta' ħames mija u tlettax-il euro (€513).*

*Illi da parti tagħha is-soċjetà attriċi tikkontendi, tramite s-sottomissjoni bil-fomm tagħha, li l-konvenut ma ssodisfax id-dettami tal-art. 2160(1) tal-**Kodiċi Ċivili** li, f'dan ir-rigward, kif riċentement emendat, jipprovdi li:*

> "Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa."

*Is-subartikolu (3) tal-istess artikolu jkompli li:*

> "il-proċeduri għall-ġbir ta' debiti li għalihom hemm referenza fil-proviso għall-artikolu 2156, meta parti tagħti ġurament li hija mhijiex debitur, din trid tagħti raġunijiet għaliex qed tqis lilha nnifisha li mhijiex debitur.".

*Illi f'dan ir-rigward it-Tribunal jagħmel referenza għal dak li jinsab deċiż b'mod partikolari mill-Onor. Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-17 ta' Jannar, 2018 permezz tas-sentenza fl-ismijiet **Automated Revenue Management Limited f'isimha proprju u għan-nom tal-Korporazzjoni Enemalta u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma vs Topcar Limited** fejn l-istess Onorabbli Qorti traċċjat l-iżvilupp leġislattiv fir-rigward tal-ġurament deċiżorju u b'mod partikulari nnutat li:*

> "Permezz ta' din l-emenda:
>
> (1) Il-ġurament jieħdu l-eċċipjent bilfors u mhux jagħżel li jiddeferihulu l-kreditur billi minn dan il-lat l-ewwel emenda baqgħet l-istess;
>
> (2) Tneħħiet il-ħtieġa tal-għoti tar-raġunijiet, għajr f'ċerti kawżi li fihom il-Gvern ikun kreditur."

*Illi fil-każ in eżami l-intimat Christian Borg xehed minn rajh permezz tal-affidavit tiegħu fejn spjega fid-dettall is-segwenti:*

> Fir-rigward tal-ordni SOR042857 dan il-bieb ġie stallat u mqiegħed b'mod difettuż.
>
> Fir-rigward tal-ordni tal-biben ta' ġewwa bir-referenza 'SOR042856', ngħid li 'il fuq minn sentejn wara l-quotation dawn kienu baqgħu ma waslux. Kien għalhekk illi tlabt lil Idea Casa r-rifużjoni tal-prezz ta' dawn l-għaxar bibien. Għalhekk fit-3 ta' April, 2017 kont irċevejt mingħand is-soċjetà rikorrenti is-somma ta' tlett elef, disa' mija u sebgha u sebghin euro (€3977) rappreżentanti flus li kont ħallast dakinhar akkont tal-ordni imsemmija. Dan jista' jiġi konfermat mill-kopja taċ-ċekk hawn anness u mmarkat bħala Dokument CB7."

*Illi allura jeħtieġ li jiġi determinat jekk is-surreferit huwiex suffiċjenti ai fini tal-art. 2160 tal-**Kodiċi Ċivili** sabiex jammonta għal* "ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa."

*Illi jiġi nutat minnufih li l-konvenut għażel li, permezz tal-affidavit tiegħu ma jiċħadx kjarament u f'daqstant kliem, il-kreditu allegat. Lanqas ma staqarr li huwa ma jiftakarx jekk l-ammont pretiż ġie mħallas. Bil-kontra ta' dan, mill-affidavit tiegħu, jiġi deżunt kjarament li, bil-kontra ta' dan, il-konvenut jaf li ma ħallasx u fil-fatt jipprova jfisser għalfejn. B'mod partikulari fir-rigward tal-ordni SOR042857 jikkontendi li, għalkemm il-bieb ġie nstallat dan sar b'mod difettuż. F'każ pjuttost simili l-Onor. Qorti tal-Appell fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet **Zammit & Cachia Trading Co. Ltd. Et. v. Francis Mizzi** (Rik. Nru. 1440/2004) deċiża fis-7 ta' Diċembru, 2005 kellha s-segwenti xi tgħid:*

> Ra li meta ġie mistoqsi jekk hux debitur tal-atturi l-konvenut irrisponda:
>
> "Li l-banana waslet f'kundizzjoni u ċjoé mhux kif suppost. Għalhekk jiena ma ħallastx."
>
> (...)
>
> It-Tribunal filwaqt li ssenjala l-fatt illi l-unika domanda posta lill-konvenut kienet dik fis-sens jekk hux debitur tal-atturi, interpreta mbagħad l-kliem mistqarr bħala li l-konvenut kien qed jgħid li mhux debitur. Bir-rispett kollu din il-Qorti ma taqbel assolutament xejn ma' din l-interpretazzjoni u anzi ssib li din tiddifetta sew billi minn imkien fl-estratt riportat ma jirriżulta illi fil-każ tal-partita in eżami ġie mistqarr mill-konvenut illi huwa mhuwiex debitur. Pjuttost l-oppost huwa l-każ. Il-konvenut ex confessis jammetti li huwa ma ħallasx u offra l-ispjegazzjoni tiegħu għal dan in-nuqqas ta' pagament, allavolja ma ntalbet ebda raġuni mingħandu

dwar dan. Biex wieħed jissellef mis-sentenza fl-ismijiet "**Dr. Toni Abela nomine vs Maurice Vassallo**", Appell, 19 ta' Mejju 2000, "**<u>li kieku l-konvenut xehed li m'għandux jagħti flus lill-attur nomine u lanqas jiftakar li għandu jtih, u waqaf hemm bla ħtieġa ta' spjegazzjoni ulterjuri, allura l-eċċezzjoni tiegħu kienet ċertament treġi imma hawn si tratta ta' persuna li qegħda tistqarr biċ-ċar bil-ġurament tagħha li ma ħallsitx. Kwindi lanqas hu każ li l-konvenut 'ma jiftakarx' li għandu jagħti xi ħaġa għax hu jiftakar li ma ħallas qatt</u>**"; Anke jekk il-fattispeċi kienu distinti, jgħodd għall-każ dak stabbilit fid-deċiżjoni a **Vol. XXXVII P I p 307**, u ċjoé, illi "għall-azzjoni tal-kreditur ma tibqax opponibbli l-preskrizzjoni, jekk id-debitur b'att tiegħu spontaneu ta' assunzjoni ta' ċertu sistema ta' difiża, ipoġġi ruħhu fi stat ta' fatt li jirrendi nkompatibbli l-posizzjoni ġuridika tiegħu mal-preżunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni u l-forma permessa mil-liġi lill-kreditur biex jikkumbatti dik l-istess preskrizzjoni".

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell interpost u b'hekk tħassar is-sentenza appellata li laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut." (enfazi mizjuda)

*It-Tribunal isib li għalkemm is-surreferit ġie deċiż qabel l-aħħar emenda tal-art. 2160, il-prinċipju li jinsab post hemmhekk huwa perfettament applikabbli wkoll għall-każ in eżami fejn hawn ukoll, kif ġustament sottomess mis-soċjetà attriċi, il-konvenut fl-ebda waqt tal-affidavit tiegħu ma ċaħad li huwa debitur imma anzi pprova jfisser, bil-kontra ta' dan, għalfejn huwa baqa' ma ħallasx il-kreditu pretiż minnu fir-rigward tal-ordni SOR042857 (peress li l-fornitura saret, skont hu, b'mod difettuż).*

*Fir-rigward tal-ordni SOR049596 huwa jikkontendi li ħallas "*id-differenza ta' elf u ħames mitt euro (€1,500), u dan kif konfermat ukoll mill-Appointment Job Sheet hawn anness u mmarkata bħala Dok. CB6 u dan peress li kont diġà ħallast tlett mitt euro (€300) on account ta' din l-ordni.". *Madanakollu din l-ordni tirreferi għal ammont marġinalment iżjed minn dak imħallas u ċioé €1800.09 (f'dan is-sens Dok. CB3 a fol. 27). Dwar dan ukoll, għalkemm ammont marġinali, l-konvenut ma jindikax bil-ġurament tiegħu li mhuwiex debitur jew li ma jiftakarx jekk ħallsux kif kien tenut jagħmel skont l-art. 2160 tal-**Kodiċi Ċivili**.*

*F'dan ir-rigward it-Tribunal jagħmel referenza għal dak dettaljatament deċiż permezz tas-sentenza datata 2 ta' Settembru, 2020 tal-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Dr. Stephen Muscat et. v. Nicholas Grima et** fejn l-insenjament surreferit konċernanti il-mod illi bih għandu jiġi interpretat l-art. 2160 ġie anke riċentement, ċitat b'approvazzjoni."*

**L-Appell**

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fil-25 ta' Marzu, 2021, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tirrevoka, tħassar u tannulla d-deċiżjoni appellata, filwaqt li tiċħad it-talbiet tas-soċjetà appellata fl-intier tagħhom, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-imsemmija soċjetà appellata. Jgħid li l-aggravju tiegħu huwa wieħed, illi huwa xehed volontarjament u minn jeddu fejn ikkonferma li ma kien dovut xejn lis-soċjetà appellata.

7. Fir-risposta tagħha s-soċjetà appellata tissottometti li s-sentenza appellata hija ġusta u għalhekk għandha tiġi kkonfermata.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju ewlieni tal-appellant, u dan fid-dawl tas-sottomissjonijiet ippreżentati mis-soċjetà appellata fir-risposta tagħha, u ta' dawk il-konsiderazzjonijiet li għamel it-Tribunal fid-deċiżjoni appellata.

9. L-appellant filwaqt li għamel riferiment għal dak li ġie deċiż mit-Tribunal, spjega li huwa jħossu aggravat bid-deċiżjoni appellata għaliex huwa kien xehed volontarjament, fejn ikkonferma minn jeddu li ma kien dovut xejn lis-soċjetà appellata, u dan kif kien maħsub fl-artikolu 2160 tal-Kap. 16. L-appellant jgħid illi mill-eżami tax-xhieda mogħtija minnu permezz tal-*affidavit* tiegħu, ma jħalli ebda dubju li huwa ċaħad li hu debitur tas-soċjetà appellata fir-rigward tal-

ammont minnha pretiż, u anzi mar oltre meta spjega għaliex. Jissottometti li madankollu t-Tribunal għamel interpretazzjoni impreċiża ta' kliemu fejn huwa kien ċaħad li kien debitur tas-soċjetà appellata. L-appellant jinsisti li meta għandu jiġi deċiż jekk iċ-ċaħda tad-dejn għandhiex tiswa għall-finijiet tal-artikolu 2160 tal-Kap. 16, il-Qorti m'għandhiex tagħti interpretazzjoni restrittiva tal-kliem użati fejn l-appellant kien qiegħed ikun ċar hekk kif kien ċaħad il-pretensjoni tas-soċjetà appellata. L-appellant jagħmel riferiment għas-subartikolu 2160 (3) tal-Kodiċi Ċivili, li jipprovdi li persuna li tkun qiegħda teċepixxi l-preskrizzjoni *"trid tagħti raġunijiet għaliex qed tqis lilha nifisha li mhijiex debitur".* L-appellant jinsisti li skont dan l-istess subartikolu, min jeċepixxi l-preskrizzjoni għandu jagħti r-raġunijiet għal dan, u huwa kien għamel proprju dan. L-appellant jirrileva li t-terminu ta' preskrizzjoni kien laħaq iddekorra *ai termini* tal-para. (b) tal-artikolu 2148 tal-Kap. 16, u jsostni li jkun tassew kontradittorju fid-dawl ta' dak li jipprovdi s-subartikolu 2170 (2) tal-Kodiċi Ċivili li l-eċċezzjoni tiegħu ta' preskrizzjoni tiġi miċħuda meta jitqies li t-Tribunal stess irrikonoxxa li hija applikabbli l-preskrizjoni *ai termini* tal-para. (b) tal-artikolu 2148 tal-Kap. 16, u li kien hemm interruzzjoni biss wara li għaddew ħames snin permezz tal-ittra uffiċjali tat-18 ta' April, 2019.

10. Is-soċjetà appellata filwaqt li ċċitat id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 2160 tal-Kap. 16, tissottometti li minn imkien fl-*affidavit* tal-appellant ma jirriżulta li qal dak rikjest mill-imsemmi artikolu. Tgħid li huwa naqas milli jiċħad li huwa debitur jew li ma jiftakarx jekk il-bibien li xtara kinux ġew imħallsa. B'hekk it-Tribunal iddeċieda sew.

11. Il-Qorti tikkonsidra li s-sentenza appellata hija waħda tajba. Wara li t-Tribunal ċaħad l-ewwel eċċezzjoni tal-appellant li kienet tirrigwarda l-preskrizzjoni eċċepita *ai termini* tal-paragrafu (a) tal-artikolu 2148 tal-Kodiċi Ċivili, għadda sabiex jistħarreġ jekk l-azzjoni magħmula mis-soċjetà appellata kienet ġiet preskritta bit-trapass ta' tmintax-il xahar a tenur tal-para. (b) tal-artikolu 2148 tal-Kodiċi Ċivili. Filwaqt li għamel riferiment għall-ġurisprudenza dwar id-dikjarazzjoni li għandu jagħmel min jeċċepixxi l-preskrizzjoni, jiġifieri li huwa ma kienx debitur, it-Tribunal osserva li fl-ebda waqt l-appellant fl-*affidavit* tiegħu kien ċaħad li huwa debitur u għall-kuntrarju pprova jfisser għaliex huwa baqa' ma ħallasx il-kreditu pretiż.

12. Il-Qorti tibda billi tiċċita d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 2160 tal-Kap. 16:

> ***2160***. *(1) "Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa."*

13. Tirrileva li dak li jiddisponi għalih dan l-artikolu huwa ċar u ma jħalli l-ebda dubju dwar dak li huwa rikjest minn min jeċċepixxi l-preskrizzjonijiet imsemmija, fosthom dik li qiegħda tiġi eċċepita mill-appellant fil-kawża odjerna. Tikkunsidra li permezz tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 2160 tal-Kap. 16, l-appellant kien tenut jiddikjara minn jeddu bil-ġurament li huwa mhuwiex debitur jew li ma jiftakarx jekk ħallasx għall-bibien. Il-Qorti eżaminat ukoll l-*affidavit* tal-appellant, u ma tistax tonqos milli tikkondividi l-fehma tat-Tribunal, għaliex tassew l-appellant naqas għalkollox milli jagħmel dak rikjest minnu mill-artikolu

2160 tal-Kodiċi Ċivili, u minflok intilef jispjega dak kollu li wassal lill-partijiet għall-kwistjoni odjerna. Huwa proprju għalhekk ukoll li l-appellant ma jistax juża favur tiegħu d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 2160 (3) tal-Kap. 16, sabiex jittenta jiġġustifika għaliex fl-*affidavit* spjega r-raġuni għaliex naqas milli jagħmel il-pagament dovut.

14. Għaldaqstant din il-Qorti ma ssibx l-aggravju tal-appellant ġustifikat, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha, filwaqt li tordna l-prosegwiment tal-proċeduri odjerni billi tibgħat l-atti lura quddiem it-Tribunal sabiex ikompli jisma' u jiddeċiedi l-kwistjoni bejn il-partijiet.**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi u dawk tal-appell odjern għandhom ikunu a karigu tal-appellant ukoll.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**